**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**, Ph.D.

Ir-Repubblika ta' Malta

vs.

Kevin Sammut

Illum, 28 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Kevin Sammut ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Gunju, 2022 fejn *in breve* dan ghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti deciza nhar 29 ta' Lulju, 2021 fejn din iddikjarat l-istqarrijiet tal-akkuzat bhala inammissibli. Sussegwentament, din is-sentenza giet ikkonfermata wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar, 2022. L-esponent jghid illi fl-Att t'Akkuza hemm diversi referenzi ghal dak li qal hu fl-istqarrijiet tieghu kif ukoll waqt l-interrogazzjoni. Tenut kont dak deciz minn din il-Qorti, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell, kwalunkwe referenza ghal dak li qal l-esponent ukoll ghandu jigi ddikjarat inammissibli. B'konsegwenza ta' dak deciz fis-sentenzi sucitati, kif ukoll fit-termini tal-Artikolu 449(1), hu qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara l-inammissibilta' ta' dawk il-partijiet tal-parti tan-narrativa ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' Kap ta' l-att ta' l-akkuza kif indikati minnu fir-rikors tieghu stess; l-inammissibilta'

tax-xhieda tal-prosekuzzjoni li hija msejjsa fuq dak mistqarr mill-esponent fil-perjodu kollu ta' l-investigazzjoni qabel ma huwa gie mressaq il-Qorti nkluz l-indikazzjonijiet moghtija mill-esponent lill-investigaturi u l-inammissibilta' ta' kwalsiasi referenza ghad-droga misjuba mill-pulizija bhala konsegwenza ta' l-indikazzjonijiet ta' l-esponent.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali, pprezentata fir-registru ta' dan il-Qorti nhar id-9 ta' Gunju, 2022 fejn brevement oggezzjona ghat-talbiet tal-esponent u dan peress illi qabel ma l-akkuzat iressaq eccezzjonijiet godda wara t-terminu lilu koncess fl-artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali, huwa kellu jitlob l-awtorizzazjoni tal-Qorti u sussegwentament bl-istess awtorizazzjoni li hu seta' jressaq eccezzjoni gdida. L-Avukat Generali ghamel referenza ghal proviso tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali u spjega illi jekk tinghata lilu tali awtorizzazjoni, l-akkuzat permezz ta' nota jista' jqajjem eccezzjonijiet godda u sussegwentament tinghata sentenza u mhux digriet. Skond l-Avukat Generali, f'dan l-istadju, dik li ghandha tiddeciedi din il-Qorti huwa jekk l-eccezzjonijiet li jixtieq iressaq 'il quddiem l-akkuzat inqalghux wara z-zmien moghti lilu sabiex iressaq l-eccezzjonijiet preliminari fl-artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali, kif jghid u jrid il-proviso tal-artikolu 449 sucitat. Il-Qorti m'ghandiex tidhol fil-mertu tal-eccezzjonijiet per se u tara jekk ghandhomx jigu akkolti jew le kif mitluba taghmel mill-akkuzat. F'dan ir-rigward l-Avukat Generali ghamel referenza ghal zewg sentenzi u cioe' **Ir-Repubblika ta' Malta vs Romario Barbara**[1] u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Polidano**.[2] It-terminu ta' hmistax-il jum tax-xoghol mid-data tan-notifika tal-Att t' Akkuza hekk kif indikat fl-Artikolu 438(2) huwa wiehed perentorju u

[1] Att ta' Akkuza Numru 12/2019
[2] Att ta' Akkuza Numru 11/2018

huwa biss ghal ragunijiet li jkunu nqalghu wara dan iz-zmien li l-Qorti ghandha s-setgha tawtorizza lill-akkuzat iressaq eccezzjonijiet ulterjuri. L-eccezzjonijiet ulterjuri li l-akkuzat jixtieq iqajjem kienu diga′ maghrufa ghall-akkuzat fl-istadju meta huwa gie notifikat bl-Att tal-Akkuza. Isegwi ghalhekk illi meta huwa talab sabiex l-istqarrijiet tal-akkuzat jigu ddikjarati inammissibli, kif ukoll kwalsiasi referenza ghal dawn l-istqarrijiet mix-xhieda li xehedu fl-Istruttorja, seta′ talab illi kwalunkwe referenza ghall-istqarrijiet fl-Att t′ Akkuza wkoll jigu ddikjarati inammissibli. Fir-rigward it-tieni eccezzjoni preliminari, l-esponent isostni illi s-sustanza ta′ din l-eccezzjoni kienet diga′ giet imqajma mill-akkuzat fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ma tistax titqies li nqalghet wara iz-zmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) ghandha tigi pprezentata fir-registru tal-Qorti kif jitlob il-proviso tal-Artikolu 449 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta. Minghajr pregudizzju ghalhekk l-Avukat Generali sostna illi l-akkuzat kien jaf f′hiex kienet tikkonsisti x-xhieda tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u allura setgha jaghmel kwalunkwe talba fir-rigward ta′ tali xhieda f′dak l-istadju. Fir-rigward it-tielet eccezzjoni preliminari, l-Avukat Generali jsostni l-istess ragunijiet ta′ l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet u ghal x′hiex din ghandha tigi michuda w oltre minn hekk u minghajr pregudizzju din l-eccezzjoni hi wahda vaga u l-akkuzat kellu jindika ezattament ghal x′hiex qieghed jirreferi. F′dan l-istadju l-akkuzat jista′ jargumenta illi stante li l-istqarrijiet tieghu gew iddikjarati inammissibli, il-pozizzjoni tieghu fil-prezent mhux wahda li kienet meta nharget l-Att t′ Akkuza. L-Avukat Generali ma jaqbilx ma dan u l-proviso t′ Artikolu 449 jitkellem dwar ′raguni li tkun inqalghet wara z-zmien.′ F′dan il-kaz m′hemm ebda raguni li nqalghet wara z-zmien indikat fl-artikolu 438. Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet imressqa mill-akkuzat huma *fuori termine* u

ghalhekk il-Qorti m'ghandiex tawtorizza lill-akkuzat iressaq dawn l-eccezzjonijiet godda.

Il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smiegh nhar is-16 ta' Gunju, 2022.

Semghet il-partijiet jitrattaw.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti sejra tghaddi mill-ewwel sabiex tghid illi r-rikorrenti ma segwix il-procedura korretta meta ntavola r-rikors odjern. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Romario Barbara**,[3] il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> ***'Illi qabel ma l-akkużat iressaq eċċezzjoni ġdida wara it-terminu lilu konċess fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa jrid jagħmel talba lil qorti għaldaqstant. Illi allura huwa biss bl-awtoriżżazzjoni mogħtija lilu mill-Qorti Kriminali illi l-akkużat jista' iressaq eċċezzjoni li ma tkunx ġiet sollevata qabel. Dan il-proviso jipprovdi testwalment hekk;***
>
> ***Iżda l-qorti tista' tawtorizza li jingħataw dawk l-eċċezzjonijiet għal raġuni li tkun inqalgħet wara ż-żmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-qorti.'***

[3] Deciza nhar is-26 ta' Mejju, 2021.

Għaldaqstant, qabel ma l-akkuzat iressaq eccezzjoni gdida <u>wara t-terminu lilu koncess</u> fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali,[4] huwa jrid jagħmel talba lil Qorti. Meta jinghata din l-awtorizzazzjoni mill-Qorti Kriminali mbghad ikun jista' iressaq eccezzjoni li ma tkunx giet sollevata qabel permezz ta' nota. Sussegwentament il-Qorti tipprocedi sabiex taghti sentenza u mhux digriet. Fis-sentenza sucitata sar accenn ukoll ghall-Artikolu 415 tal-Kodici Kriminali li jiddistingwi bejn digriet u sentenza tal-Qorti meta jitkellem dwar appell minn digriet interlokutorju u dak minn sentenza definittiva. Issa, eccezzjonijiet ta' natura bhal dawk ravvizati fl-Artikolu 449 ghandhom ikunu decizi permezz ta' sentenza u mhux permezz ta' digriet.[5]

Din il-Qorti bl-ebda mod m'hi se tiddeciedi, u lanqas biss tista' skond il-ligi, tippronunzja ruhha fuq il-mertu tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat f'dan l-istadju. Illi li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju hu li tiddeciedi jekk ai termini tal-proviso tal-Artikolu 449 din l-eccezzjoni hux minnu li nqalghet wara z-zmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) ghandha tigi pprezentata.

Din il-Qorti, kif spjega ben tajjeb l-akkuzat fir-rikors tieghu, b'sentenza tad-29 ta' Lulju, 2021 laqghet eccezzjoni tal-akkuzat u ddikjarat l-istqarrijiet tal-istess akkuzat inammissibli. Din is-sentenza giet ukoll ikkonfermata fl-intier taghha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Frar, 2022. Kien insegwitu ghal dan l-izvilupp gdid li l-akkuzat ressaq ir-rikors odjern u ressaq eccezzjonijiet

[4] Artikolu 438(2) jistipula li l-akkużat għandu, permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru tal-qorti mhux iktar tard minn **<u>ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data ta' tan-notifika tal-att t'akkuza</u>** jagħti avviż dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 u kull eċċezzjoni dwar l-ammissibbilità tal-provi li jkollu l-ħsieb li jagħti, kif ukoll jindika x-xhieda u jipproduċi d-dokumenti u oġġetti oħra li jkollu l-ħsieb li juża fil-kawża,

[5] Ara wkoll **<u>ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Polidano</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Frar, 2022.

godda. Ghalkemm l-akkuzat setgha jaghmel tali talba, u dan *stante* s-sentenzi taz-zewg kawzi ndikati *supra* gew decizi wara li l-akkuzat ressaq l-eccezzjonijiet preliminari tieghu, huwa m'ottemporax ruhu mal-procedura korretta skond il-ligi.

Ghaldaqstant, in vista dak kollu sucitat, din il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tal-akkuzat hekk kif dedotti fir-rikors tieghu w dan ghar-ragunijiet moghtija *supra* u cioe' *stante* li m'ottemporax ruhu mal-procedura skond il-ligi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara

Deputat Registratur